**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-16 t'Ottubru 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 233/2018JPG**

**Kawza Numru : 14**

**Avukati Christine Bellizzi (ID 436577M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' VC. U b'digriet tat-12 ta' Dicembru 2019, VC assumiet l-atti f'isimha proprju**

**Vs**

**KA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Avukat Christine Bellizzi noe datat 6 ta' Settembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma ILLI:*

1. *Illi VC u KA ghandhom zewgt itfal – EC u AC li ghandhom X u Y -il sena rispettivament (Certifikati tat-twelid annessi);*

2. *Illi permezz ta' sentenza moghtija fit-23 ta' Frar 2011 fic-citazzjoni 233/2010 NC fl-ismijiet VC vs KA (kopja annessa) il-kura u kustodja tat-tifla AC giet fdata f'idejn l-Omm filwaqt illi l-kura u kustodja tat-tifel EC kienet giet fdata f'idejn il-Missier;*

3. *Illi skont l-istess sentenza r-rikorrenti obbligat ruhha li thallas manteniment ta' €200 lill-konvenut bhala manteniment ghall minuri EC, filwaqt illi l-konvenut intrabat li jhallas €200 fix-xahar bhala manteniment lir-rikorrenti ghall-minuri AC;*

4. *Illi fi Frar tas-sena 2017 t-tifel EC kien mar jghix ma' ommu r-rikorrenti u l-konvenut kien qed jirrifjuta li jiehu lit-tifel lura. Minn Frar 2017 kienet ir-rikorrenti u l-familja taghha li pprovdew ghall-bzonnijiet kollha tal-minuri EC;*

5. *Illi minn Frar 2017 jigifieri minn meta t-tifel EC mar jghix ghand ommu VC, KA ma ikkontribwixxa xejn ghall-ghixien tat-tifel u lanqas hallas il-manteniment dovut ghat-tifla AC ndra;*

6. *Illi fit-22 ta' Jannar 2018, il-partijiet iffirmaw kuntratt permezz ta' liema, il-kura u kustodja tal-minuri EC giet fdata f'idejn l-Omm (kopja annessa);*

7. *Illi ghalhekk, jehtieg lli l-manteniment ghall-minuri EC jigi rivedut sabiex jirrifletti s-sitwazzjoni odjerna fis-sens illi l-intimat ghandu jigi ordnat ihallas manteniment lill-esponenti ghal ibnu EC, b'effett minn Frar 2017;*

8. *Illi in oltre kemm il-mezzi finanzjarji tal-intimat kif ukoll l-ispejjez u l-bzonnijiet tal-minuri AC illum huwa ferm oghla minn dawk li kienu fi zmien li fih inghatat is-sentenza hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

9. *Illi minkejja li saru tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju anki tramite l-procedura ta' medjazzjoni, ma intlaq l-ebda ftehim;*

10. *Illi l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprezenta dan ir-rikors skond id-digriet mmarkat dokument A;*

*Ghaldaqstant l-esponeneti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti togobgha:*

1. *Tordna lill-konvenut ihallas manteniment lir-rikorrenti ghall-minuri EC fl-ammont u skond il-modalitajiet iffissati minn din l-Onorabbli Qorti u dan b'effett minn Frar 2017;*
2. *Tordna illi b'effett minn Frar 2017, l-ebda manteniment ma huwa dovut mir-rikorrenti lill-konvenut ghall-minuri EC;*
3. *Tirrivedi l-manteniment dovut mill-konvenut lir-rikorrenti ghall-minuri AC biex jirrifletti it-tibdil fic-cirkostanzi;*
4. *Tordna li l-manteniment stipulat ghall-minuri EC u l-manteniment rivedut ghall-minuri AC jibqa' jithallas sakemm l-istess ulied jaghlqu 23 sena f'kaz illi komplu jistudjaw fuq bazi full-time wara li jilhqu l-eta' maggorenni.*

*Bl-ispejjeż komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut inġunt minn issa in subizzjoni.*

Rat id-digriet taghha tat-3 t'Ottubru, 2018 (Vide Fol 20);

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' KA, datata 27 ta' Novembru 2018, a fol 25 et seqq., li taqra hekk:

1. *Fl-ewwel lok u in linea preliminary, il-ftehim li sar beijn il-partijiet u cioe' permezz ta' nota kongunta li bis-sentenza tat-23 ta' Frar tas-sena 2011 saret parti integrali minn dik is-sentenza, hija pacta sunt servanda bejn il-partijiet, b'mod illi ma huwiex apert li r-rikorrenti li tipprova tirrivedi stipulazzjonijiet kontrattwali minnha assunti u liberament accettati hlief f'kaz illi tali varjazzjoni huwa kontemplat fil-kuntratt ta' searazzjoni, jew inkella f'dan il-kaz fin-nota kongunta prezentata mill-partijiet. Il-ftehim maghmul bejn il-partijiet hawn gia msemmi ma jikkontemplax id-dritt ta' revizjoni tal-manteniment u ghalhekk l-attrici ma setghetx ressqet il-quddiem din it-talba;*

2. *Fit-tieni lok, u wkoll in linea preliminari it-talbiet attrici huma intespestivi ghaliex minkejja li l-attrici pprezentat Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta, li jawtorizzaha li tipprocedi bil-kawza odjerna, fir-realta fl-unika seduta ta' medjazzjoni li kien hemm, il-materja ta' manteniment u t-tibdil tal-arrangament ta' bejn il-partijiet ma giex diskuss, stante li kien hemm l-fatt li l-Omm ma attendietx ghall-medjazzjoni ghaliex kienet diga' qeghda tghix il-Kanada, u kien ukoll il-fatt li riedet issir diskussjoni dwar is-sahha tal-minuri EC, wara li l-istess minuri allegatament ittenta jaghmel suwicidju wara li wasal gewwa l-Kanada, ghaldaqstant, id-diskussjoni dwar iz-zieda ta' manteniment qatt ma saret, u l-mittent qatt ma kellu opportunita' jinnegozja u jasal fi ftehim f'ambitu ta' medjazzjoni dwar it-talbiet attrici;*
3. *Fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut jishaq illi huwa m'ghandux jigi pregudikat u jaghmel tajjeb ghall-fatt li l-ispejjez tal-minuri zdiedu, minhabba l-fatt li t-tnejn li huma emigraw, solitalment wara insistenza shiha tal-Omm minn Malta, bil-konsegwenza li issa l-Missier m'ghandu l-ebda kontroll ta' x'qed jintefaq u kif qed jghixu bintu u ibnu, u kif ukoll ulterjorment uwa m'ghandu l-ebda konoxxenza tal-istandar of living, gewwa l-Kanada. Se Mai, ghandha tkun l-istess Omm li taghmel tajjeb ghall-ispejjez zejda li qeghdin ikun hemm gewwa l-Kanada gjaldarba t'tfal emigraw minn Malta fuq insistenza taghha biss u wara li hija stess ghamlet brainwashing u pressjoni shiha lill-minuri sabiex huma jghixu man-nanniet u l-familja maternal fil-Kanada;*
4. *Fir-raba lok, il-Konvenut m'ghandux oggezzjoni li minn Frar tas-sena 2017, l-attrici ma tivversax manteniment ghall-minuri EC stante li l-minuri kien ufficjalment resident mal-Omm, izda pero' l-esponeneti jishaq li nonostante in-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu f'dan is-sens, huwa jirrileva li hafna mill-granet il-minuri kien jiekol u jkun hinijiet twal mieghu mal-familja tieghu, specjalment mal-familja ta' zijuh li pprovdew abbundantament ghall-minuri qabel it-tluq tieghu lejn il-Kanada. Dan il-fatt ghandu ghalhekk jingieb a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti waqt kull decizjoni li hija ha tiehu;*
5. *Fil-hames lok, u in linea preliminari, l-attrici ma ghandhiex dritt titlob ghall-arretrati ta' manteniment fil-konfront tal-minuri AC ndra, ghaliex din*

*dejjem kienet fil-kustodja tal-familja taghha (tal-attrici) gewwa l-Kanada, waqt li huwa kellu fil-kustodja tieghu l-minuri EC , ghal snin twal u waqt l-istess perjodu. Ghaldaqstant filwaqt li huwa kien qieghed irabbi solitalment lil minuri minghajr ebda hlas ta' manteniment, l-familja tal-attrici, u mhux l-attrici kienu qeghdin jipprovdu ghat-trobbija tal-minuri AC u b'hekk sar ftehim ta' tpacija ta' manteniment, stante li skond in-nota kongunta tal-partiiet, (esebtu fir-rikors promotur bhala appendici A) kull parti kellha tivversa lill-parti l-ohra, s-somma totali ta' €200;*

6. *Fis-sitt lok, fil-mertu, u fir-rigward tat-talba ghaz-zieda tal-manteniment tal-minuri AC, l-attrici jehtigilha tissostanzja r-reklam taghha in kwantu dan jikkoncerna l-manteniment minnha pretiz. Partikolarment, l-attrici jehtigilha tressaq prova illi l-bzonnijiet tal-minuri m'ghadhomx kif kienu qabel, b'referenza cara ghall-element ta' proporzjonalita li trid issir bejn il-mezzi tal-Omm u tal-Misser u tal-istess bzonnijiet tal-Minuri AC;*
7. *Fis-seba' lok, fil-mertu u fir-rigward tat-talba ghall-iffissar minn din il-Qorti ta' rata gdida ta' manteniment ghall-minuri EC , l-attrici jehtigilha tissostanzja r-reklam taghha in kwantu dan jikkoncerna l-manteniment minnha pretiz. Partikolarment l-attrici jehtigilha tressaq prova illi l-bzonnijiet tal-minuri m'ghadhomx kif kienu qabel, b'referenza cara ghall-element ta' proporzjonalita' li trid issir bejn il-mezzi tal-Omm u tal-Missier u tal-istess bzonnijiet tal-Minuri;*
8. *Fit-tmien lok, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumentazzjoni kollha;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Konsiderazzjonijiet:**

**1. L-Azzjoni Odjerna**

Il-Qorti għandha quddiema kawża fejn l-attriċi qiegħda titlob li jiġi rivedut l-obbligu tal-manteniment tal-intimat għall-bżonnijiet tal-minuri ulied il-partijiet in vista tat-tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-partijiet u tal-minuri fis-snin ta' wara d-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-23 ta' Frar 2011.

Rat illi din il-kawża kienet ġiet differita *sine die* nhar l-10 ta' Jannar 2023 stante li l-attriċi la kienet qed tidher għas-seduta u lanqas kienet qed tikkomunika mal-avukat patroċinanti tagħha. Madanakollu fl-14 ta' Marzu 2023, l-attriċi ntavolat rikors sabiex tesprimi li kien għad kellha interess fil-proċeduri odjerni iżda kienet għaddiet minn żmien diffiċli stante li ommha kienet ġiet nieqsa u missierha kien marad. Din il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi u reġgħet appuntat il-kawża ghas-smiegh.

Rat ir-rikors tal-attriċi ntavolat fl-4 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu talbet il-ħlas ta' manteniment *pendente lite* għal minuri EC  b'effett minn Frar 2017, tisspospendi l-manteniment dovut minnha għal EC  b'effett minn Frar 2018 u tirrevedi l-manteniment dovut għal AC . Il-intimat wieġeb għal tali rikors nhar it-23 t'Ottubru 2019 fejn iddikjara li kien konxju li kellu jħallas manteniment dak iż-żmien iżda talab lil din il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-minuri kien se jibda jibbenifika minn stipendju u biex tieħu in konsiderazzjoni l-ispejjeż li kellu l-intimat minħabba li kien għadu kif investa fit-taxi tiegħu u kellu self xi jħallas lura. Huwa oġġezzjoni li l-manteniment jitħallas minn Frar 2017. Il-Qorti ddeċidiet tali rikors billi ħalliet il-kwistjoni tal-arretrati tal-manteniment sabiex tiġi determinata permezz tas-sentenza tal-ilum iżda laqgħet l-ewwel u it-tieni talba attriċi minn Frar 2018 stante li kien hemm qbil bejn il-partijiet fuq tali data.

2. **Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:**

Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mresqa Minnha:

L-Attriċi xehdet quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar il-31 t'Ottubru 2019 (fol. 106) u kkonfermat illi l-minuri kien mar jgħix magħha wara li kellu nuqqas ta' qbil ma' missieru fuq il-ħruġ. Hija ħasbet li din kienet ser tkun sitwazzjoni temporanja u aċċettatu għax ħasbet li il-intimat kien qed jagħmilha bi kbira meta ma kienx qed iħalli lill-minuri ta' erbatax (14)-il sena joħroġ mal-kuġini tiegħu l-Ħadd wara nofs in-nhar. Fil-bidu beda jqatta' tmiem il-ġimgħa magħha. Tgħid li l-minuri kien uriha ritratt tal-

kamra tiegħu li kull ma kien hemm kienu xi kaxex tal-ikel li kien ordna minn barra ħdejn is-sodda u li ħasset li din ma kinetx raġuni sufficjenti għalxiex tkeċċi lill-ibnek fuqha.

Xehdet li l-intimat kien iħalli lill-minuri aktar mal-imsieħba tiegħu għaliex hu kien ikun qed jaħdem bla ktieb bħal li kien jpinġi t-tatwaġġi u jaħdem bħala *security* ġewwa Paceville. Fl-istess żmien, hija kienet għadha kemm spiċċat bla impjieg bid-differenza li hi ma kienetx tirċievi assistenza soċjali bħal ma kien jirċievi l-intimat. Minħabba dan, il-minuri kien spiċċa dipendenti fuq il-logħob tal-kompjuter tant li spiċċa lanqas il-Griżma ma għamel.

Xhedet illi kienet sabet impjieg ġdid ġewwa l-*Golden Sands* li minnu kienet tispiċċa fis-sitta ta' filgħaxija (6pm). Għalhekk kienet tgħidlu sabiex wara l-iskola jmur għand missieru u hi tgħaddi għalih wara li tispiċċa mix-xogħol. Dan l-arranġament spiċċa nhar l-10 ta' Marzu meta missieru ħadlu ċ-ċavetta biex ma jmurx għandu wara l-iskola u dan għaliex kien ħalla xi platti ħdejn is-sink. L-attriċi ħasset li dan il-kastig kien eċċessiv. Fl-istess żmien, il-konvenut kien beda jaħdem għaliex kien ser jieħu self mill-bank u għalhekk wisq probabbli kien qed jara lill-minuri bħala piż fuqu.

L-attriċi xehdet illi hi kellha sitt (6) ġimgħat ta' taħriġ fl-impjieg il-ġdid u wara missierha u bint il-partijiet kienu ġew għas-sajf hawn Malta. Tiftakar li kienu kollha flimkien. Kien biss wara li missierha u bint il-partijiet marru lura l-Kanada f'Awissu li iben il-partijiet beda jmur għand zijuh. Dan kien jagħmlu aktar biex kien ikun jista' jmur jistad ma' zijuh kmieni filgħodu. Kien tgħid li hekk għallinqas kien qiegħed ma' membri tal-familja. Kull ma' kien fadallu kien dan iz-ziju u allura kienet tħallih miegħu meta hi kienet tkun xogħol ta' bil-lejl. Xorta waħda kienet ittih flus għall-ikel.

L-attriċi xehdet illi l-introjtu tagħha jkun ta' paga bażika ta' bejn it-tmintax (18) u l-għoxrin (20) elf u jitla' b'perċentaġġ li taqla' fuq ix-xogħol li tagħlaq. Tgħid illi l-Kanada għandha polza tal-assikurazzjoni fuq is-saħħa marbut max-xogħol tagħha li tkopri mat-tmenin fil mija (80%) tal-ispejjeż tal-minuri bħal kura tas-snien u nuċċalijiet tal-vista. Hija xorta tħallas għal din il-polza tal-assikurazzjoni u tgħid ukoll illi l-ispejjeż ta' dentist ġewwa l-Kanada huma ħafna aktar għoljin minn dawk f'Malta għalhekk mhux dejjem jirnexxielha tkopri dawn l-ispejjeż.

L-attriċi ppreżentat fl-atti tal-proċeduri odjerni prospett tal-ispejjeż (fol. 151 et seq.) relatati mal-minuri liema prospett ma ġiex ikkonfermat bil-ġurament. Skont dan il-prospett, hija għandha medja ta' elf u dsatax-il euro u tlettax-il ċenteżmu (€1019.13) fix-xahar relatati mal-minuri EC  u elf u erbgħa u erbgħin euro u tmien ċenteżmi (€1044.08) fix-xahar relatati mal-minuri AC  liema spejjeż jinkludu dawk tal-ħajja bħal xiri tal-ikel u ħwejjeġ. Għalhekk skont dan il-prospett, sehem kull ġenitur għat-trobbija tal-minuri huwa dak ta' elf u wieħed u tlettin euro u sittin ċenteżmu fix-xahar (€1031.60).

*Di piu'* l-attriċi xhedet ukoll permezz ta' affidavit (fol. 161 et seq.) fejn xehdet li ulied il-partijiet illum huma t-tnejn maġġorenni. Bint il-partijiet AC  qed tistudja l-MCAST Malta filwaqt li iben il-partijiet irritorna Malta f'Settembru 2023 wara żmien jgħix il-Kanada man-nanniet materni. Huwa mgħandux impjieg u lanqas qed jistudja.

Skont id-deskrizzjoni li l-attriċi tat fl-affidavit tagħha tal-ispejjeż, l-ispejjeż relatati ma' bint il-partijiet AC  huma dawk ta' disa' mija tmienja u tletin euro u tmien ċenteżmi (€938.08) fix-xahar u għalhekk kull ġenitur għandu s-sehem ta' erba' mija u disgħa u sittin euro (€469) kull xahar. Fir-rigward ta' iben il-partijiet, EC , id-deskrizzjoni mogħtija mill-attriċi fl-affidavit tagħha hija li l-ispejjeż mensili jammontaw għal tmien mija u seba' euro u sittax-il ċenteżmu (€807.16) u għalhekk kull ġenitur għandu s-sehem ta' erba' mija u tlett euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€403.58). L-attriċi ppreżentat numru ta' kopji ta' irċevuti sabiex tikkorrobora ċ-ċifri li tat għall-ispejjeż ta' ulied il-partijiet.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

1. *Ix-xhieda ta' Joseph Saliba, in rappreżentanza ta' Jobsplus* li ngħatat fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar it-2 ta' Lulju 2019 (fol. 68) li permezz tagħha x-xhud eżebixxa rendikont tal-impjiegi tal-partijiet. Ir-rendikont tal-impjiegi tal-intimat (fol. 77) juri illi l-intimat illi mis-sena 2016 jaħdem għal rasu u li fil-preżent joffri servizzi ta' Taxi. Ir-rendikont tal-impjiegi tal-attriċi (fol. 78) juri li l-attriċi tterminat l-impjieg tagħha li kellha fuq bażi *full-time* fis-27 t'April 2018 għar-raġuni li kienet ser temigra.

2. *Ix-xhieda ta' Charmaine Psaila Ragi, in rappreżentanza tal-APS Bank p.l.c.* li ngħatat fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar it-2 ta' Lulju 2019 (fol. ) li permezz tagħha x-xhud eżebixxiet rendikont tal-kont bankarju intestat f'isem il-intimat mal-bank rappreżentat.

3. Ix-xhieda ta' Stephen Baldacchino, in rappreżentanza tal-BNF Bank p.l.c., . li ngħatat fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar it-2 ta' Lulju 2019 (fol. 71) fejn ix-xhud ikkonferma li l-intimat ma kellux attivita' bankarja mal-bank rappreżentat.

4. Ix-xhieda ta' Dorianne Tanti, in rappreżentanza tal-*Bank of Valletta p.l.c.*, . li ngħatat fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar it-2 ta' Lulju 2019 (fol. 72) li permezz tagħha x-xhud eżebixxiet rendikont tat-tlett (3) kontijiet bankarji ntestati f'isem il-intimat. Fil-kont għat-tfaddil, jidhru diversi depożiti, b'wieħed partikolari li kien sostanzjali fl-ammont ta' 'il fuq minn ħdax (11)-il elf euro (€11,000) f'Ottubru 2016 għal liema depożitu mhemmx deskrizzjoni (fol. 84).F'dan il-kont, kif ukoll depożiti oħra fi żmien ta' ftit ġranet bħal eżempju tlett (3) depożiti li saru fl-1 ta' Marzu 2018, fil-21 ta' Marzu 2018 fl-4 t'April 2018 (fol. 85)il-intimat kien jirċievi wkoll l-benefiċċju soċjli relatat mat-tfal bl-aħħar pagament li jidher ikun dak f'Jannar 2018 (fol. 85).

5. Ix-xhieda ta' Raymond Formosa, in rappreżentanza tal-Lombard Bank Malta p.l.c., . li ngħatat fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar it-2 ta' Lulju 2019 (fol. 74) fejn ix-xhud ikkonferma li l-intimat ma kellux attivita' bankarja mal-bank rappreżentat.

6. Ix-xhieda ta' Saviour Theuma, in rappreżentanza tad-Dipartiment għas-Sigurta' Soċjali, . li ngħatat fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar l-4 ta' Diċembru 2023 (fol. 196A) li permezz tagħha x-xhud eżebixxa rendikont tal-benefiċċji soċjali li rċieviet l-attriċi fis-snin 2016, 2017 2019, u fis-sena 2020 u ċjoċ assistenza minħabba nuqqas ta' impjieg. Fis-sena 2023, l-attriċi ngħatat assistenza relatata mal-bidu ta' impjieg ġdid. Fir-rigward tal-intimat, ix-xhud eżebixxa *records* li juru li l-intimat ingħata benefiċċji relatati mat-Tfal mill-2016 sa April 2018. Madanakollu d-Dipartiment ġie mgħarraf illi l-minuri ma kienx

għadu jirrisjedi mal-intimat u għalhekk ordna r-rifużjoni tal-ammont ta' elf, mija u wieħed u sittin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€1161.41). Mis-sena 2020, il-intimat beda jirċieva benefiċċju tal-mard.

7. Ix-xhieda ta' Lorraine Attard, in rappreżentanza tal-*HSBC Bank Malta p.l.c.,* li ngħata fis- seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar l-4 ta' Diċembru 2023 (dok mhux enumerati) li permezz tagħha x-xhud eżebixxiet rendikont tal-kont bankarju ntestat f'isem il-intimat li juru bilanċ minimu ta' anqas minn għoxrin euro (€20).

8. L-affidavit ta' EC Angelo Camilleri, ossia iben il-partijiet debitament maħluf nhar il-5 ta' Diċembru 2023 (fol. 199) fejn ikkonferma illi wara s-separazzjoni tal-ġenituri tiegħu huwa kien baqa' jirrisjedi ma' ommu iżda wara argument kbir li kellu m'oħtu u ma' ommu, huwa kien għażel li jmur jirrisjedi ma' missieru. F'dan iż-żmien missieru kien unikament responsabbli finanzjarjament mit-trobbija tiegħu. Xehed li ommu marret lura l-Kanada, iżda meta kienet tiġi lura għas-sajf, huwa beda jqatta' aktar ħin magħha.

   Xehed illi hu kien ikollu diversi argumenti ma' missieru peress li kien ikun waħdu għal ħin twil stante li missieru kien ikun xogħol. L-argumenti kienu jkunu fuq li xtaq jilgħab il-*football* wara l-ħin tal-iskola u fuq it-tindif tal-kamra tiegħu. Minħabba dawn l-argumenti li bdew dejjem jintensifikaw ruħħhom, huwa beda jqatta' dejjem aktar ħin għand ommu u ġieli anke raqad għandha.

   Fis-sena 2017, dawn l-argumenti bejn ix-xhud u l-intimat kienu qed jinqalgħu ta' spiss u darba minnhom, il-intimat talbu lura ċ-ċavetta tar-residenza tiegħu. Wara dakinhar huwa kien telaq jirrisjedi għand ommu u qatt ma rritorna għand missieru. Fis-sena 2018 beda jattendi skola ġewwa l-Kanada stante li hu kien mar jirrisjedi hemm għand oħt l-attriċi. Madanakollu x-xhud ħass li ma kienx adatta ruħu sew u għalhekk meta l-attriċi rritornat ġewwa l-Kanada, huwa mar jgħix magħha għand in-nanniet materni. Wara madwar sena u nofs, l-attriċi u ulied il-partijiet irritornaw lura Malta u x-xhud kompla bl-istudji tiegħu ġewwa l-MCAST. Minħabba li dak iż-żmien it-tgħallim kien qiegħed isir differenti minħabba l-pandemija tal-COVID-19, ix-xhud ma setgħax ikampa u għalhekk waqqaf l-istudji tiegħu f'April 2020. F'Mejju 2022 huma rritornaw l-Kanada minħabba li n-nanniet materni kienu

mardu u hu baqa' jaħdem fuq bażi *full-time* ġewwa l-Kanada anke meta l-attriċi u oħtu rritornaw Malta. Huwa rritorna Malta u baqa' jirrisjedi mal-attriċi f'Settembru 2023. Ilum huwa jaħdem fuq bażi *full-time* u jagħmel xogħol għal rasu.

Il-Verżjoni tal-Intimat u l-Provi Mresqa Minnu:

Il-intimat xehed quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tal-31 t'Ottubru 2019 (fol. 99) li kien għamel xi żmien wieqaf mix-xogħol wara li t-tifel ma baqax jirrisjedi miegħu minħabba problem ta' saħħa. Jgħid li kienet tkun is-sieħba tiegħu li kienet tieħu ħsieb lit-tifel wara li kien jasal mill-iskola. Minħabba dawn il-problemi ta' saħħa li kien għaddej minnhom kellu jagħlaq il-garaxx li kellu, għamel sena bla impjieg imbagħad beda jaħdem għal rasu bit-taxi.
Xehed illi lit-tifel qatt ma ħallih nieqes, dejjem xtralu li xtaq inkluz kompjuter li kien jiswa aktar minn tlett elef euro (€3000) biex it-tifel kien spiċċa kisru. Xehed ukoll li kienu bgħatu għalih tal-iskola għaliex il-minuri kien qiegħed jagħmel *bullying* fuq tfal oħra u ma setgħax jifhem għalfejn kien qed jagħmel hekk. Minħabba din l-imġieba kien ħadlu l-kompjuter u kollox li kellu bħala kastig iżda minflok it-tifel kien mar għand ommu wara sebgħa (7) snin jieħu ħsiebu. Jgħid li kien tah ukoll kastig ieħor li ma joħroġx mal-kuġini tiegħu għaliex dawn kienu maġġorenni u ma ridux li jmur Paceville magħhom.

Il-intimat xehed illi mis-sena 2017 lit-tifel bdiet iddejqu s-sikkatura li kellu ma' missieru bħala tal-ħruġ u li jżomm il-kamra tiegħu nadifa. Meta kien jikkorreġih, kien jitlaq jorqod id-dar ta' ommu anke jekk ommu kienet tkun xogħol ta' bil-lejl. Wara l-iskola kien ikun għand il-intimat jew għand ħuh li miegħu għandu relazzjoni tajba ferm, kien jiekol għandhom imbagħad jara fejn ser jorqod. Jgħid illi meta telaq mingħandu fi Frar 2017, huwa kien qatta' sa l-aħħar tas-Sajf kollu għand ħu l-intimat.

Xehed illi fis-snin meta kellu t-tifel, it-tifla kienet qed tgħix il-Kanada man-nanniet materni tagħha filwaqt li l-attriċi kienet tkun hawn Malta taħdem.

Il-intimat xehed ukoll permezz ta' affidavit (fol. 202 et seq.) fejn ddikjara illi iben il-partijiet kien telaq mir-residenza tiegħu fi Frar 2017 u dan għaliex ma kienitx togħġbu

d-dixxiplina ta' missieru. Madanakollu huwa jgħid illi l-minuri kien mar jirresjedi għand ħuh Edward Charles Zahra u kien hu u ħuh li kienu qed jipprovu finanzjarjament għat-trobbija tal-minuri sa Jannar tas-sena 2018 meta l-minuri telaq jirrisjedi ġewwa l-Kanada. Jikkonferma illi fil-perjodu li jkopri minn meta telaq mingħandu sakemm telaq lejn il-Kanada, il-minuri kien jiekol u jorqod għand zijuh jew għand nanntu paterna u ġieli kien imur jiekol għall-intimat innifsu.

Iddikjara illi fuq ordni tal-Qorti huwa kien ħallas l-arretrati tal-manteniment għall-ibnu EC kif kwantifikati fl-ammont ta' mitejn euro (€200) minn Frar 2018 sakemm il-minuri għalaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena u baqa' għaddej il-manteniment ta' bint il-partijiet.

Ikkonferma illi hu qatt ma ġie la kkunsultat u lanqas infurmat bl-ispejjeż meritu tal-pretensjoni tal-attriċi u jikkontendi li l-prospett tal-ispejjeż jinkludi infiq li mhux neċessarju għat-trobbija ta' l-ulied.

Jgħid illi sar jaf li iben il-partijiet kien irritorna Malta għaliex kien iltaqa' miegħu għand ħanut speċifiku tal-kompjuters u mhux għax kien ġie nfurmat. Lil bintu kien ilu ma jaraha disa' xhur.

Il-intimat ghemez mal-affidavit tiegħu prospett ġuramentat tal-introjtu tiegħu. Jgħid li l-introjtu tiegħu huwa wieħed batut u li jgħaddi bl-eżatt tant li anke l-passatempti tiegħu kellu jaqta'. Jgħid illi iben il-partijiet kien ilu ma jaħdem mill-2020 filwaqt li bint il-partijiet kienet qed tiġi mġiegħela tibqa' tistudja kontra r-rieda tagħha. Skont il-prospett ġuramentat anness, fis-sena 2022 huwa kellu dħul ta' tmien t'elef, tmien mija u tletin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€8830.48).

In kontroeżami (fol. 213) il-intimat jiċċara illi **EC kien dam għand ħuh minn Frar 2017 sal-aħħar tas-sajf** għaliex kif ġie biex jerġa' jibda l-iskola, beda jaħseb biex imur jirrisjedi l-Kanada. Ikkonferma illi huwa kien ħallas biss l-arretrati tal-manteniment għaliex il-Qorti ma kienitx tat ordni dwar il-ħlas ta' spejjeż. Jiċħad li kellu negozju tat-tattwaġġi, kien jagħmel it-tattwaġġi meta l-partijiet kienu għadhom flimkien imma fiż-żmien tal-proċeduri huwa ma kellux ċans għal dan in-negozju.

Mistoqsi kif is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu marret lura, il-intimat iddikjara illi hekk kif hu beda joffri s-servizz tat-taxi, kienet ġiet il-pandemija tal-COVID 19 li kienet daqqa sinifikanti għal dak is-servizz. Inoltre, il-intimat isemmi li meta beda hu kien hawn ferm inqas nies joffru s-servizz tat-taxi tant li llum li għandu ħafna kompetizzjoni ġieli jagħmel nofs ta' nhar jistenna vjaġġ.

Sabiex jikkorrobora l-verżjoni tiegħu, il-intimat ressaq is-segwenti provi:

1. L-affidavit ta' Edward Charles Zahra, ossia ħu l-intimat, debitament maħluf fil-11 ta' Jannar 2024 (fol. 210) fejn ix-xhud iddikjara illi fis-sena 2017 EC , iben il-partijiet, kien ikun għand il-intimat wara l-iskola u ta' spiss kien iċempillu biex imur għalih. Kienu jmorru jistadu ħafna drabi flimkien u jikkonferma li EC  kien għamel madwar ħames (5) xhur jorqod għandu u dan biex ma joqgħodx waħdu fir-residenza ta' ommu minħabba li din kienet tkun xogħol. Kienu jieklu jew għand ix-xhud jew it-tnejn kienu jmorru jieklu għand omm ix-xhud ossia n-nanna paterna ta' EC . Omm il-minuri kienet jew iċempel jew iżżur lill-minuri għal mhux aktar minn siegħa qabel tmur għax-xogħol.

   In kontroeżami, ix-xhud jikkonferma illi EC  ma kinx ikun irid joqgħod ma' missiru minħabba d-dixxiplina u għalhekk kien iċċempillu ta' spiss u kienu jmorru jistadu.

**Ikkonsidrat:**

**Principju Legali saljenti ghall-kaz odjern**.

In tema legali ghandu jinghad illi galadarba r-rikorrenti qed jitlob varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-Qorti tqis b'mod generali li dak pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni, bhal kull kuntratt iehor, ghandu jitqies bhala vinkolanti daqs ligi bejn il-

partijiet b'applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda.* Tali principju huwa inkorporat fil-ligi taghna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 li jiddisponi:-

> ***"(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***
>
> ***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi".***

Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Grace Spiteri v. Carmel sive Lino Camilleri et*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002 inghad dwar dan l-artikolu tal-ligi li:

> ***"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili X Spiteri Staines"). App. Civ. 154/10 20***

B'referenza partikolari għall-kuntratti li jitrattaw is-separazzjoni personali, fis-sentenza fl-ismijiet: ***Walter Borg St John vs Christine Borg St John***, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Mejju 2002, inghad illi:

> ***"Il-kuntratti ta' separazzjoni konsenswali pero' huma kuntratti partikolari u normalment jittrattaw tlett tipi ta' obbligazzjonijiet - dawk purament personali, dawk purament proprietarji, u dawk misti. Fl-obbligazzjonijiet purament personali bhal ma hija l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma hemmx dubbju illi, anke fl-interess suprem tal-minuri, il-Qorti tista' fi kwalunkwe hin tbiddel anke dak pattwit mill-partijiet fejn ic-cirkostanzi hekk jirrikjedu. Ghall-kuntrarju, per ezempju, fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni reciproka tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-Qorti hija totalment marbuta bil-kunsens tal-partijiet u dak deciz minnhom ma jistax jigi varjat ikunu x'ikunu c-cirkostanzi li jinqalghu. Il-pagament ta' l-alimenti u mill-1993 id-decizjoni dwar id-dar konjugali jappartjenu minn dawk l-obbligazzjonijiet li***

> ***ghandhom natura mista peress illi hemm l-elementi tal-personali u tal-parafernali".***

F'ambitu ta' separazzjonijiet personali ex contractu, kien hemm perjodu fejn il-Qrati nostrani kienu riġidi, tant illi ma kienux jippermettu l-ebda varjazzjoni, inkluż varjazzjonijiet fir-rigward ta' mantenimenti (vide ad exemplum s-sentenza fl-ismijiet **Mary Vella vs Mario Vella deċiża mill-Qorti tal-Appell** nhar il-11 ta' Jannar 1996.) Madanakollu, ghalkemm mat-trapass taz-żmien, din l-inflessibilita' naqset xi ftit, ma ġietx eradikata għal kollox. Fil-fatt fil-kuntest ta' manteniment u d-duttrina legali tal-pacta sunt servanda, il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ***Alfred Grech vs Pauline Grech***, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' April 2004 rribadiet illi:

> ***"Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni.***
>
> ***Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn."***

Jidher ghalhekk illi fir-rigward ta' separazzjoni ex contractu, dawn jistgħu biss jiġu varjati f'każ li tiġi stabbilita u ppruvata li l-persuna li titlob il-varjazzjoni sfat fl-impossibilita', u mhux sempliċiment diffikulta', li tkompli tħallas l-ammont maqbul bejn il-partijiet. Dan l-insenjament ġie spjegat ulterjorament fis-sentenza fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg deċiża mill-Qorti tal-Appell** nhar it-30 ta' Novembru 2012:

> ***"F'dik is-sentenza (b'referenza għas-sentenza Alfred Grech vs Pauline Grech), din il-Qorti wara li kkunsidrat il-gurisprudenza anterjuri, fosthom is-sentenza flismijiet Mary Vella v. Mario Vella, 149 ikkonkludiet li, filwaqt li l-principju pacta sunt servanda ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` tal-parti li gabuha fl-impossibbilita` li tkompli tezegwixxi l-obbligu tal-hlas ta' manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha l-fakolta` li tirrevedi dan l-obbligu. Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet". Fi kliem iehor, f'materja ta' revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja tal-kuntratti, ghandu japplika wkoll, bhala deroga mill-istess, il-principju ad impossibilia nemo tenetur, li jifforma r-ratio legis tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt".***

Fl-ismijiet ***Beatrice Sare' vs William Sare'***, deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' Mejju 2013, inghad illi l-eżerċizzju li trid taghmel il-Qorti huwa li tevalwa jekk r-reviżjoni mitluba tkunx ġiet ikkontemplata mill-partijiet fil-kuntratt u fil-ftehim minnhom iffirmati. Fin-nuqqas ta' dan fejn il-partijiet ma jkunux stabbillixxew ċirkostanzi fejn il-manteniment pagabbli jista' jiġi varjat fil-futur, il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tgħaddi sabiex teżamina l-pożizzjoni legali fir-rigward tat-talbiet għal varjazzjoni ta' manteniment pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fil-parametri ta' dak li ġie mgħallem mill-Qorti fis sentenza flismijiet ***Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg,*** deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Novembru 2012, fis-sens illi b'mod ġenerali għandu japplika l-prinċipju ġenerali regolanti fil-materja

tal-kuntratti, senjatament il-*pacta sunt servanda*, iżda għandu japplika ukoll bħala deroga mill-istess il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*.

Il-Qorti ghalhekk trid tapplika l-prinċipju ġenerali regolanti fil-materja tal-kuntratti, senjatament il-*pacta sunt servanda*, iżda tapplika ukoll bħala deroga mill-istess il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*. Di piu' il-Ligi b'gherf u ghaqal kbir, pprovdiet ghal bdil fejn ikun hemm ragunijiet maghrufa mill-Ligi. Huwa pacifiku li jekk ikun hem bdil fil-kura u kustodja tat-tfal – fejn tifel jew tifla jaghzel li jmur jghix ma' genitur iehor, il-manteniment mifthiem fil-kuntratt ma jistax jibqa' fis-sehh u dan ghax jirrizulta bdil sostanzjali fic-cirkostanzi.

**Manteniment:**

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu***

***jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:**

Din hija talba magħmula mill-attriċi sabiex il-Qorti tordna l-ħlas ta' manteniment għall-ulied il-partijiet b'mod divers għal dak pattwit bejniethom u rifless fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta ta' nhar it-3 t'Ottubru 2018.

Din il-Qorti rat illi l-partijiet jaqblu li l-intimat għandu jħallas manteniment għal uliedu tant li **wara d-digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta' Diċembru 2019**, **huwa beda jivversa manteniment għaż-żewġ uliedu**. Jibqa' għalhekk il-kontestazzjoni dwar ix-xhur ta' wara li iben il-partijiet, EC , telaq mir-residenza ta' missieru. Il-Qorti għandha quddiemha dawn il-verżjonijiet:

1. L-attriċi tgħid li meta EC  telaq mingħand missieru u mar jirrisjedi magħha iżda meta kienet tkun xogħol, kien ġieli jorqod għand zijuh biex imorru jistadu filgħodu kmieni
2. EC  li xehed illi huwa kien mar jirrisjedi ma' ommu minħabba l-argumenti li ta' spiss kien qed ikollu ma' missieru u qatta' xi ġimgħat ma' zijuh fix-xhur tas-sajf
3. Il-intimat li xehed li l-minuri telaq mingħandu fi Frar 2017 u  ma kienux baqgħu f'kuntatt imma jaf li l-minuri qatta' sal-aħħar tas-sajf għand ħuh u kienu jmorru jistadu flimkien.
4. Ħu l-intimat li xehed li l-minuri kien għamel miegħu madwar ħames xhur u kien jieħdu jistad anke waqt l-iskola. Jgħid ukoll li "Fis-sena 2017, speċifikament mil-bidu tas-sena EC  kien jitlobni immur ħafna ghalih minghand missieru."

5. *Di piu'* l-assistenza soċjali relatata mat-tfal twaqqfet għal Frar 2017 b'dan li l-intimat kellu jirrifondi lura l-ammonti korrispondenti għal xhur wara din id-data.

Illi għalhekk huwa ċar għal din il-Qorti illi l-intimat u ħuh mhux jaqblu fil-verżjoni tiegħu. Il-intimat iddikjara kemm meta xehed, fl-affidavit tiegħu kif ukoll in kontroeżami illi EC telaq mingħandu fi Frar 2017 u **għalhekk Edward Charles Zahra ma setgħax imur jiġbru mingħand missieru kif iddikjara fl-affidavit tiegħu bil-ġurament. L-istess xhud jgħid illi kien imur jiġbru mingħand missieru għax m'hemmx distanza bejn il-Gżira u l-Ħamrun imma ma kienx jiġbru mir-Rabat meta kien ikun għand ommu.**

Għalhekk din il-Qorti temmen li l-minuri telaq mingħand missieru fi Frar 2017, mar jirrisjedi għand ommu tant li l-attriċi kienet taf bl-eżatt fuq l-argumenti li kellu dak iż-żmien ma' missieru u ħasset li l-intimat ma kienx aġġixxa b'mod xieraq. Meta l-omm kienet tkun xogħol fix-xhur tas-sajf, il-minuri kien iqatta' ħafna ħin għand zijuh sabiex la jkun waħdu u anke ħabba li kienu jmorru jistadu.
Kemm EC kif ukoll il-intimat indikaw l-aħħar tas-sajf bħala l-perjodu li EC qatta' ma' zijuh u għalhekk il-Qorti temmen li hekk ġara. Għalhekk din il-Qorti tqis li jkun ekwu għal kulħadd illi l-minuri jitqies li irrisjeda ma' ommu bejn Frar 2017 sa Ġunju 2017 u minn Settembru 2017 'il quddiem.
Minkejja li l-intimat jgħid illi bejn Frar 2017 u Ġunju 2017, EC kien imur għandu wara l-iskola u jiekol mingħandu, din il-Qorti tqis illi l-manteniment jinkorpora ħafna aktar spejjeż milli sempliċement ikla ta' wara l-iskola. Fl-ewwel lok, xejn ma jeskludi li l-attriċi omm kienet ukoll titma' lil EC filgħaxija wara li kienet tiġbru magħha kif ukoll kienet tkopri l-ispejjeż l-oħra li tinkludi t-trobbija u l-bżonnijiet tal-ulied. Bl-istess mod, fix-xhur li EC għamel għand zijuh, l-attriċi tgħid li kienet ittih flus għall-ikel iżda dan mhux biżżejjed biex ikopri l-bżonnijiet kollha tal-minuri.

Fir-rigward tal-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, mhemmx kontestazzjoni mill-partijiet illi l-intimat ma ħallasx sehemu minn dawn l-ispejjeż u dan għaliex skont hu ma kienx jiġi mitlub il-kunsens tiegħu sabiex isiru tali spejjeż.

Din il-Qorti rat illi minkejja illi l-attrici talbet li jigi rivedut il-manteniment ta' AC , ebda talba ghar-revizjoni tal-manteniment ta' EC ma saret, ghaldaqstant din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr illi tikkonferma ir-retta alimentari ta' mitejn Ewro (200) fix-xahar oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u attivita extra-kurrikulari kontra ricevuti, kif fil-fatt gja ddegretat din il-Qorti fid-digriet pendente lite taghha tal-12 ta' Dicembru 2019 (Vide Fol 22 tar-rikors 233/2018/2).

Fir-rigward tal-manteniment għal AC , bint il-partijiet, m'hemm l-ebda kontestazzjoni li din dejjem irrisjediet mal-attriċi. Il-Qorti tifhem illi matul is-snin manteniment ma kienx jgħaddi bejn il-partijiet stante li l-ammonti mifthema permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta nhar it-23 ta' Frar 2011, l-ammonti kienu jpaċu lil xulxin. Madanakollu ma baqax jiġri hekk minn Frar 2017 meta hemm qbil li EC telaq mir-residenza ta' missieru. Għalhekk minn dan ix-xhur 'il quddiem, il-intimat ma kellux ammont ma' xiex ipaċi l-manteniment dovut minnu u għalhekk kellu jibda jħallas l-ammont ta' manteniment dovut għall-bżonnijiet ta' bintu AC . Huwa beda jħallas dan l-ammont minn Frar 2018 meta ġie miftiehem hekk quddiem din il-Qorti. Madanakollu xejn ma kien inbiddel fiċ-ċirkostanzi relattivi għal AC u għalhekk il-intimat għadu jrid iħallas il-manteniment li kien dovut għall- bżonnijiet ta' bintu bejn Frar 2017 u Frar 2018. Inoltre l-attriċi ddikjarat illi AC llum qiegħda tistudja ġewwa l-MCAST għal *Diploma in Animal Welfare*. Il-intimat ma rribatta din id-dikjarazzjoni bl-ebda prova għajr għad-dikjarazzjoni li AC mhix tistudja għal qalbha. Għalhekk din il-Qorti tordna illi sakemm il-minuri tkun għadha rreġistrata fl-istudji tagħha fuq bażi *full-time* l-manteniment irid jibqa' jitħallas sakemm tasal fi tmiem l-istudji tagħha jew sakemm tagħlaq l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena skont liema waħda tavvera ruħħha l-ewwel. L-istipendju huwa għajnuna mogħtija direttament lill-istudent sabiex dan ikun jista' jiffoka aktar fuq l-istudji tiegħu minflok ikollu bżonn jaħdem siegħat konsiderevoli sabiex ikun jista' jsostni ruħu bħal ma jagħmlu studenti barra minn Malta. Għalhekk din il-Qorti ma taqbel xejn mat-teżi tal-intimat li l-istipendju għandu jittieħed in konsiderazzjoni meta din il-Qorti tgħaddi biex tiffissa l-*quantum* tal-manteniment dovut.

Fir-rigward tal-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni, il-intimat jargumenta fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu (fol. 235 et seq.) illi l-partijiet kellhom il-ftehim bejniethom kif l-manteniment jiġi paċut, hekk ukoll jiġu l-ispejjeż ta' saħħa u

edukazzjoni u għalhekk dan l-arranġament m'għandux jinbidel issa minħabba l-prinċipju legali ta' *pacta sunt servanda*. Kif fuq spjegat, fil-kontro-ezami jirrizulta li kien hemm bidla sostantiva fiċ-ċirkostanzi tal-partijiet. Il-Qorti tifhem l-arranġament li kien intleħaq bejn il-partijiet stante li l-attriċi kienet qed iġġorr l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni ta' AC  filwaqt li l-intimat kien qed iġorr l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni ta' EC . Mal-mument li l-attriċi bdiet iġorr l-ispejjeż taż-żewġ ulied, ma jistax il-intimat jippretendi li jibqa' japplika l-istess arranġament. Kieku b'dan l-argument, lanqas kien ikun hemm lok għal dawn il-proċeduri. Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni tal-Familja) nhar it-30 ta' Settembru 2022 fejn il-Qorti tenniet kif ġej:

> *"Din il-Qorti tirrileva li ġaladarba t-talba tal-attur hija waħda li effettivament tammonta għal varjazzjoni ta' dak ġa miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni allura il-punt tat-tluq għandu jkun dak pattwit fil-kuntratt ġa msemmi billi l-klawsoli miftiehma jikkostitwixxu vinkolu bejn il-partijiet li jammonta għal liġi bejniethom a bażi tal-prinċipju legali* ***pacta sunt servanda****. Tali prinċipju huwa inkorporat fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:*
>
> *"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta'liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*
>
> *(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin talpartijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".*
> *Dan il-prinċipju huwa meqjus bħala l-prinċipju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti u jirrikjedi li tiġi rispettata l-volontà tal-kontraenti u kif ukoll il-vinkolu kontrattwali.*
>
> *In linea di massima tajjeb jingħad ukoll li dak li ġie maqbul mill-partijiet flimkien, ma jistax jiġi mibdul minn parti waħda. Biex ikun hemm tibdil irid jkun hemm il-volontà ta' entrambi l-partijiet jew inkella jridu jissussistu r-raġunijiet elenkati fil-liġi stess u dan fil-każ ta' tħassir ta' dak maqbul.*

*Fil-każ odjern lanqas ma tqajjem l-argument illi l-kuntratt fih xi ambigwità jew li l-intenzjoni tal-partijiet m'hix riflessa kif mistħoqq u għalhekk ma hemm l-ebda lok għal interpretazzjoni ulterjuri. Din il-Qorti tisħaq illi l-prinċipju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandhu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-partijiet kif espressa filkonvenzjoni li għandha tipprevali u trid tiġi osservata.*

*Tenut kont ta' dan kollu però fil-każ tal-lum il-kuntratt li għandha quddiemha din il-Qorti huwa wieħed ta' separazzjoni u għalhekk irid jiġi apprezzat li dan huwa kuntratt partikolari. Permezz ta' dan il-kuntratt il-partijiet qablu kif ser jirregolaw tliet (3) tipi ta' obbligazzjonijiet u ċjoè, dawk purament personali, dawk purament proprietarji, u dawk misti.* *Fl-obbligazzjonijiet purament personali bħal ma hija l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri l-Qorti tista' fi kwalisiasi ħin tbiddel anke dak pattwit mill-partijiet u dan fl-interess suprem tal-minuri. L-istess iżda ma jistax jingħad fil-każ ta' likwidazzjoni u assenjazzjoni reċiproka tal-komunjoni tal-akkwisti, billi hawnhekk l-Qorti hija totalment marbuta bil-kunsens tal-partijiet u dak deċiż minnhom ma jistax jiġi varjat ikunu x'ikunu ċċirkostanzi li jinqalgħu.*[1]

*Fil-każ odjern l-Qorti għandha quddiemha kuntratt ta' separazzjoni vinkolanti bejn il-partijiet liema kuntratt iżda ma jipprevedix il-kunsens taż-żewġ partijiet sabiex issir il-varjazzjoni fir-rigward ta' manteniment."*

Din il-Qorti tagħmel tagħha dan l-insenjament u għalhekk tgħaddi sabiex tiddeċiedi fuq il-bdil taċ-ċirkostanzi bejn il-partijiet u allura d-departenza tal-partijiet minn dak miftiehem bejniethom preċedentement, kemm fir-rigward tal-manteniment tal-minuri, kif ukoll fir-rigward tal-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni ta' ulied il-partijiet. Din il-Qorti tqis li spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni dejjem ġie ritenut illi jridu jiġu sostanzjalizzati bl-irċevuta jew fattura. Tant hu hekk illi fis-sentenza mogħtija minn din

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti

il-Qorti, dejjem jiġi ordnat illi l-ispejjeż iridu jitħalsu mill-ġenitur li jkun qed iħallas fi żmien ġimgħa (jew perjodu simili) minn meta l-ġenitur l-ieħor jgħaddi u tgħaddi kopja tal-irċevuti u, jew fattura. Dan l-insenjament irid jiġi applikat fil-każ odjern ukoll sabiex din il-Qorti tkun ġusta u ekwa ma' kull parti. Ma tistax din il-Qorti tiddepartixxi minn dan l-insejament għaliex l-attriċi ssostni li hi għandha l-kundizzjoni tal-ADHD. Li kieku taghmel hekk, din il-Qorti tkun qed tiftaħ bieb li jista' jwassal għall-abbuż minn ġenituri oħra. Għalhekk din il-Qorti iżomm mal-insenjament ormai kkristalizzat fil-ġurisprudenza nostrana li l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni li l-ġenitur li qed jieħu ħsieb lit-tfal jippretendi li għandhom jinqasmu jridu jiġu sostanzjalizzati b'irċevuta. Min-naħa l-oħra tordna lill-intimat illi jħallas sehemu minn dawn l-ispejjeż fi żmien **ġimgħa** minn meta jirċievi tali rċevuti. Kemm-il darba l-intimat ma jaqbilx ma kwalunkwe spejjeż li jkunu saru mingħajr il-kunsens tiegħu u li jħoss li ma jkunux neċessarji jew adegwati, għandu jindirizza dan il-fatt quddiem it-Tribunal jew Qorti kompetenti sabiex tisma' tali vertenzi.

Għal dak li jirrigwarda l-mezzi tal-missier, din il-Qorti għandha s-segwenti x'tirrimarka:

Fil-prospett ġuramentat tiegħu (fol.205), il-intimat indika l-introjtu tiegħu għas-sena 2022 bħala dak ta' tmien t'elef, tmien mija u tletin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€8830.48), u ċjoe seba' mija ħamsa u tletin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€735.87) fix-xahar. **Madanakollu fl-istess prospett huwa ndika spejjeż mensili ta' elf, mitejn sitta u erbgħin euro (€1246).** Il-Qorti tinnota li din il-lista tal-ispejjeż **ma tinkludix il-manteniment li l-intimat iddikjara li dejjem ħallas għall-uliedu u ċjoe ta' erba' mitt euro (€400) fix-xahar.** Għalhekk minkejja li l-intimat iddikjara fl-affidavit ġuramentat tiegħu illi hu jgħaddi bl-eżatt, din id-dikjarazzjoni **ma tikkonbaċċix mal-fatt** illi l-ispejjeż li l-intimat innifsu indika li għandu kull xahar għaliex l-ispejjeż hekk indikati mill-intimat **huma ferm aktar mill-introjtu ddikjarat minnu**. Il-intimat qal li jgħaddi bl-eżatt mhux li mhux qed ileħħaq u għalhekk naturalment din il-Qorti **għandha d-dubji tagħha dwar il-veraċita' jew tal-introjtu ddikjarat** jew tad-dikjarazzjoni tal-intimat innifsu li jleħħaq bl-eżatt.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba, tordna lill-intimat iħallas manteniment lir-rikorrenti għal EC fis-somma ta' mitejn Ewro (200) fix-xahar oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u attivita' extra-kurrikulari u dana sakemm il-minuri jghalaq it-tmintax-il sena (18) jekk jibda jahdem fuq bazi full-time u sat-tlieta u ghoxrin sena (23) kemm-il darba il-minuri ikun qed jistudja fuq bazi full-time. Dan il-manteniment ghandu jkopri ukoll ix-xhur ta' bejn Frar 2017 u Ġunju 2017 (4x200=800 Ewros) u bejn Settembru 2017 u Frar 2018 (6x200=1200 Ewros) Total efejn Ewro (2000);**

2. **Tilqa' t-tieni talba limitatament għax-xhur indikati u ċjoe Frar 2017 u Ġunju 2017 u bejn Settembru 2017 u Frar 2018 iżda tiċħad tali talba għax-xhur ta' Lulju u Awissu 2017;**

3. **Tilqa' t-tielet talba u tirrevedi l-manteniment dovut mill-intimat lir-rikorrenti tal-minuri AC għall-ammont ta' tlett mitt euro (€300) fix-xahar liema ammont ma jinkludix sehem l-intimat mill-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u attivita' extra-kurrikulari . Il-Qorti tordna lill-intimat iħallas tali spejjeż fi żmien ġimgħa mid-data li fiha jiġu kkomunikati lilu kopja tal-irċevuti jew fatturi.**

4. **Tilqa' r-raba' talba u tordna li l-manteniment stipulat għall-bżonnijiet taz-zewg ulied tal-partijiet kif ukoll l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni u attivita extra-kurrikulari tal-istess ulied għandhom jibqgħu jitħalsu mill-missier sakemm uliedu jagħlqu l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena jekk dawn ikunu qed jistudjaw fuq bażi *full-time* jew sakemm jitterminaw l-istudji tagħhom skont liema kundizzjoni tavvera ruħha l-ewwel.**

**Bl-ispejjes kontra l-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**